# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 7 ta' Dicembru 2022**

**Avviz numru: 341/2006 MLF**

**Patrick Dalli**

**vs**

**Alexander Attard u Jean Pierre Debono**

Il-Qorti,

1. Rat l-avviz ta' Patrick Dalli li permezz tieghu talab li l-konvenuti jigu ikkundannati ihallsuh is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artikolu 28 tal-Att dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta), u dana wara li jigi dikjarat illi hu responsabbli ta' malafama fil-konfront tar-rikorrenti Patrick Dalli bl-artiklu ntitolat '*Skandlu Laburista f'Dubaj – l-istess deputati u kuntratturi Laburisti kienu involuti fl-iskandlu tal-Lay Lay'*, ippubblikat fl-ewwel (1) pagna tal-harga tal-gurnal In-Nazzjon tal-1 ta' Novembru 2006 (u li jissokta f'pagna hamsa (5) tal-istess gurnal), li kopja tieghu qeghda tigi annessa u mmarkata bhala Dok.A, fejn bhala Editur tal-gurnal fuq imsemmi ippublika allegazzjonijiet li huma malafamanti, libelluzi u li jirraprezentaw fatti ghal kollox inveritjieri u foloz fil-konfront tar-rikorrent, u ghalhekk intizi sabiex itellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni u l-unur tal-istess rikorrent u jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku.

2. Rat ir-risposta tal-konvenuti fejn eccepew:

    1. Illi l-pubblikazzjoni de quo mhix libelluza fil-konfront tal-attur.

    2. Illi l-kontenut tal-artikolu jammonta ghal "fair comment" dwar fatti sostanzjalment korretti u fuq kwistjoni ta' interess pubbliku, accettabbli f'socjeta demokratika, kif ukoll taht il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

3. Semghet ix-xhieda, rat id-dokument u l-atti kollha ipprezentati.

4. Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Jannar 2016 fejn ordnat li jigi anness ma' dawn il-proceduri, il-process fl-ismijiet "Dennis Baldacchino et vs Louiselle Vassallo et" (Avviz numru 334/2006 FDP) deciz fil-11 ta' Novembru 2013, u li minnu ma sarx appell.

5. Rat l-atti tal-process fl-ismijiet "Dennis Baldacchino et vs Louiselle Vassallo et".

6. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-avukati difensuri.

7. Rat li wara li din il-kawza kienet giet differita ghas-sentenza, gie promulgat u dahal fis-sehh l-Att XI tal-2018 dwar il-Midja u l-Malafama li abroga l-Att dwar l-Istampa, salv fir-rigward tal-kawzi pendenti ghas-sentenza quddiem il-Qorti fiz-zmien li thassar.[1]

**Il-Fatti**

8. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

    (i) Fiz-zmien rilevanti l-attur kien negozjant u kien ilu involut fil-kostruzzjoni tal-bini u tat-toroq ghal hafna snin. Fiz-zmien in kwistjoni, il-mara tieghu, Helena Dalli, kienet membru parlamentari fi hdan il-Partit Laburista, dak iz-zmien maghruf bhala Malta Labour Party.

[1] Ara Artikolu 25 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta.

(ii) Kuntrattur habib tieghu, Carmelo Penza infurmah li kien tiela' d-Dubai ma' zewg kuntratturi ohra, u staqsieh jekk iridx imur maghhom, u l-attur accetta. Fix-xhieda tieghu, l-attur jghid li huma marru Dubai biex *"navvanzaw aktar"*,[2] u l-Qorti tifhem b'dan il-kliem li huma marru d-Dubai biex igibu x-xoghol ghall-ghanijiet rispettivi tagghom.[3]

(iii) L-attur jghid li Carmelo Penza kien qallu li delegazzjoni tal-Partit Laburista kienet tiela' Dubai ukoll. F'din id-delegazzjoni kien hemm fost l-ohrajn id-Deputat Mexxej tal-Partit Laburista in-Nutar Dottor Charles Mangion, id-Deputati Laburisti Leo Brincat, il-kelliem ewlieni ghall-affarijiet barranin, u il-Perit Charles Buhagiar, il-kelliem ewlieni ghall-qasam tal-infrastruttura u l-Avukat Dottor Joseph Mifsud, li dak iz-zmien kien is-Segretarju Internazzjonali tal-Partit Laburista.[4]

(iv) L-attur u n-Nutar Charles Mangion huma l-unici azzjonisti f'socjeta kummercjali bl-isem Elcar Developments Ltd, u din is-socjeta kummercjali ilha tezisti ghal diversi snin.

(v) L-attur u t-tlett kontratturi l-ohra kellhom diversi laqghat organizzati ghalihom mill-konslu Malti ghad-Dubai, u dan tramite l-Avukat Joseph Mifsud, li dak iz-zmien kien is-Segretarju Internazzjonali tal-Partit Laburista. F'laqgha partikolari dwar *land reclamation*, kien hemm prezenti wkoll id-delegazzjoni tal-Partit Laburista.

(vi) L-attur, kif ukoll it-tlett kuntratturi l-ohra hallsu minn buthom ghal din iz-zjara gewwa Dubai.

(vii) Pero mill-assjem tal-provi f'dawn il-proceduri, kif ukoll fil-proceduri l-ohra annessi ma' dan il-process, jirrizulta ampjament li l-arrangamenti logistici ghal din is-safra kemm tad-delegazzjoni tal-Partit Laburista kif ukoll tal-attur u t-tlett kuntratturi l-ohra gew ko-ordinati mill-konslu Malti f'Dubai u minn Dottor Joseph Mifsud, is-Segretarju Internazzjonali tal-Partit Laburista. Fil-fatt, l-erba' kuntratturi u d-delegazzjoni tal-Partit Laburista siefru lejn Dubai u gew lura fuq

[2] Ara fol. 18 tal-process.
[3] Ara wkoll ix-xhieda tal-attur a fol. 19 tal-process.
[4] Ara l-process "Baldacchino vs Vassallo" fol. 41.

l-istess titjira tal-ajru, u irresjedew fl-istess lukanda. Saret prenotazzjoni ta' lukanda wahda ghal dawn persuni kollha li telghu Dubai.[5] Kienu wkoll jiltaqghu ghall-ikliet ta' fil-ghaxija.[6]

(viii) Il-konvenut Jean Pierre Debono kiteb artikolu dwar din il-mawra gewwa Dubai, liema artikolu gie pubblikat fil-gurnal in-Nazzjon tal-1 ta' Novembru 2006. Dan l-artikolu kien intitolat *"L-istess deputati u kuntratturi Laburisti kienu involuti fl-iskandlu tal-Lay Lay."* L-editur ta' din il-harga tal-gurnal kien il-konvenut Alexander Attard.

9. L-attur kien tal-opinjoni li dan l-artikolu kien jikkontjeni allegazzjonijiet li huma malfamanti u libelluzi fil-konfront tieghu, u ghalhekk huwa istitwixxa dawn il-proceduri.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

10. Il-konvenuti qed jeccepixxu li l-artikolu in kwistjoni jammonta ghal *fair comment* dwar fatti sostanzjalment korretti u fuq kwistjoni ta' interess pubbliku accettabli f'socjeta demokratika. Ghalhekk, qabel din il-Qorti tghaddi biex tikkunsidra jekk l-artikolu in kwistjoni jikkostitwix malafama fil-konfront tal-attur, il-Qorti se tikkunsidra l-gurisprudenza in materja. Il-gurisprudenza fuq il-libelli giet imwessa sewwa bis-sentenza fl-ismijiet **Angelo Fenech proprio et nomine vs Carmelo Callus**, deciza fl-4 ta' Frar 1994 mill-Qorti tal-Appell li irriteniet hekk:

*"Il-posizzjoni tbiddlet fl-1987 ghaliex bl-Att XXIV ta' dik is-sena, illum Kap. 319, partijiet sostanzjali tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani saru parti mill-Ordinament Malti u allura llum dawn il-Qrati mhux biss iridu jiehdu in konsiderazzjoni dak li hemm f'dawn l-artikoli tal-Konvenzjoni li gew inkorporati izda wkoll il-**gurisprudenza** tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani ghaliex minn dik is-sena – 1987 – kull min ihossu aggravat mis-sentenzi ta' dawn il-Qrati ghar-rigward tad-Drittijiet Umani u libertajiet fundamentali recepiti f'dik il-ligi, ghandu access ghal dik il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani."*

[5] Ara fol. 56 tal-process "Dennis Baldacchino et vs Louiselle Vassallo et".
[6] Ara xhieda tal-attur a fol. 18 tal-process.

11. F'dik is-sentenza il-Qorti tal-Appell ikkwotat mill-**Handyside Case** (deciz fid-29 ta' April 1976) sabiex tispjega x'tifhem il-Qorti Ewropea bil-kliem tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni. F'dik is-sentenza, il-Qorti Ewropea qalet hekk:

*"The Court's supervisory functions oblige it to pay the utmost attention to the principles characterising a "democratic society". Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of such a society, one of the basic conditions of its progress and for the development of every man. Subject to paragraph 2 of Article 10, it is applicable not only to "information" or "ideas" that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also those that offend, shock or disturb the State or any sector of the population. Such are the demands of pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no "democratic society". This means, amongst other things, that every "formality", "condition", "restriction" or "penalty" imposed in this sphere must be proportionate to the legitimate aim pursued.".*

12. Is-sentenza **Angelo Fenech proprio et nomine vs Carmelo Callus** wessghet sensibbilment l-area tal-leggitimita tad-dritt tal-espressjoni kif dik kienet delimitata mil-ligijiet u l-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati, specjalment ghal dak li huwa d-drittijiet ta' espressjoni permezz tal-istampa. Fis-sentenza **Richard Matrenza vs Joseph Zahra et** deciza fil-31 ta' Jannar 2006, il-Qorti tal-Appell iccitat b'approvazzjoni il-kaz **Lingens vs Austria**, u qalet hekk:

*"… … (T)rid issir distinzjoni bejn l-espressjoni ta' opinjoni – l-hekk imsejha value judgments – u l-allegazzjoni ta' fatti*[7]*, u dan peress li wiehed ma jistax jipprova l-verita` ta' opinjoni. Ghalhekk, kemm-il darba opinjoni tkun wahda espressa f'termini li minnhom infushom ma jeccedux dak li huwa ragjonevoli u accettabbli f'socjeta` demokratika u tkun ibbazata fuq fatti li jkunu sostanzjalment korretti (u ghalhekk tkun a fair comment), tali opinjoni – a differenza ta' fatt allegat – anke jekk tkun opinjoni jew kritika iebsa, m'ghandhiex titqies bhala libelluza."*

---

[7] *"In the Court's view, a careful distinction needs to be made between facts and value-judgments. The existence of facts can be demonstrated, whereas the truth of value-judgments is not susceptible of proof. The Court notes in this connection that the facts on which Mr Lingens founded his value-judgment were undisputed, as was also his good faith." –* ***Lingens v. Austria*** *A.103 (1986) 8 EHRR 407, para. 43.*

13. Il-Qorti sejra tapplika dawn il-principji ghall-kaz odjern.

14. Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, l-attur qal li hassu offiz b'dan l-artikolu *"peress illi gie allegat illi jiena tlajt id-Dubai minhabba l-kumpanija li ghandi flimkien ma' Charles Mangion".*[8] Pero meta huwa gie mistoqsi in kontro-ezami sabiex jindika liema parti tal-artikolu tallega li huwa tela' Dubai f'isem is-socjeta Elcar Developments Limited, l-attur wiegeb li kien ilu ma jaqra l-artikolu, u s-seduta giet sospiza sabiex l-attur jaqra l-artikolu u l-kontro-ezami jitkompla f'seduta ohra.[9] Effettivament, il-kontro-ezami tal-attur qatt ma tkompla, u l-attur qatt ma talab biex jixhed sabiex jindika liema parti tal-artikolu kienet tghid li huwa tela' Dubai f'isem din is-socjeta.

15. Dan m'hux sorprendenti, ghaliex ghalkemm l-artikolu jghid li l-attur ghandu kumpanija flimkien man-Nutar Charles Mangion, imkien fl-artikolu ma jinghad li l-attur u n-Nutar Mangion marru Dubai sabiex igibu xoghol sabiex javvantaggaw is-socjeta kummercjali li ghandhom flimkien. L-artikolu jghid biss hekk: *"... ... (K)ienu d-Deputat Mexxej tal-MLP, Charles Mangion u d-Deputat Laburista Charles Buhagiar li flimkien maghhom fid-delegazzjoni li telghet Dubaj hadu msiehba f'kumpaniji ta' l-izvilupp u kostruzzjoni ghal tahditiet dwar in-negozju ghall-kumpaniji taghhom."* Ghal din il-Qorti, il-frazi *'ghal tahditiet dwar in-negozju ghall-kumpaniji taghhom"* tista' biss tirriferi ghal tahditiet dwar in-negozju generali u personali li ghandhom l-imsiehba tad-Deputati Laburisti imsemmija, f'dan il-kaz l-attur, u mhux ghan-negozju specifiku li dawn il-persuni ghandhom mad-Deputati Laburisti in kwistjoni.

16. L-attur stess jghid li *"Jiena mort Dubai sabiex ingib xi xoghol ... ..."*[10] Fid-dinja tal-kummerc moderna, in-negozjanti ma jghamlux xoghol f'isimhom proprju, izda jaghmlu xoghol tramite s-socjetajiet kummercjali ossia kumpaniji taghhom. Ghalhekk certament li huwa fattwalment korrett li jinghad li l-attur tela' Dubai ghal tahditiet dwar in-negozju ghal kumpaniji tieghu. Ghalhekk dan il-bran tal-artikolu m'hu bl-ebda mod malfamanti fil-konfront tal-attur.

---

[8] Ara fol. 18 tal-process.
[9] Ara fol. 21 tal-process.
[10] Ara fol. 19 tal-process.

17. Fix-xhieda tieghu, l-attur jghid ukoll illi huwa hassu offiz ghaliex fl-ahhar tal-paragrafu tal-artikolu jinghad hekk: *"Sadanittant ghad m'hux maghruf kif il-Partit Laburista b'mod partikolari l-amministrazzjoni centrali, mistennija tirreagixxi ghal kritika interna u l-pressjoni li qed issir fuqha biex taghti spjegazzjoni dwar dan l-iskandlu."* L-attur jispjega li huwa hassu offiz bil-kelma *"skandlu"* hawn uzuata, ghax *"Jiena mort Dubai biss sabiex ingib xoghol u dan ghalija m'huwiex skandlu."*[11]

18. Din il-Qorti m'ghandhix dubju li l-attur mar Dubai biex igib xoghol. Pero mill-provi jirrizulta ampjament, li hu ghamel din il-mawra flimkien u fil-kuntest ta' delegazzjoni tal-Partit Laburista li wkoll marret Dubai, fl-istess granet, biex tara fost affarijiet ohra, kif kien qed isir l-land reclamation f'Dubai. Fix-xhieda tieghu l-Avukat Dottor Joseph Mifsud qal li l-Partit Laburista kien qed jorganizza mawriet ghal pajjizi differenti u *"(l)-iskop ta' dawn iz-zjarat hu illi l-partit laburista jaghmel il-preparament tieghu biex meta jkun fil-Gvern ikun jista' jibda miexi."*[12]

19. Fix-xhieda tieghu l-Avukat Mifsud qal li *"l-kuntratturi qatt ma kienu jffurmaw parti mid-delegazzjoni Laburista"*,[13] u l-attur ukoll jipprova jaghti din l-impressjoni fix-xhieda tieghu. Pero, Dottor Alfred Sant, il-kap tal-Partit Laburista, f'konferenza tal-ahbarijiet li saret fl-4 ta' Marzu 2008 bhala parti mix-xandiriet ta' l-Awtorita tax-Xandir, qal hekk: *"Il-Partit Laburista baghat delegazzjoni Dubai biex titkellem b'mod politiku, mbaghad kellha wkoll maghhom nies li qed jaghtuh pariri kummercjali fuq x'jista' jsir f'Dubaj."*[14] Din il-Qorti m'ghandhix dubbju li dak li qal Dottor Alfred Sant f'din l-intervista tirrifletti dak li ezattament sehh – ghax hemm wisq ko-incidenzi bejn it-titjiriet tal-ajru, akkomadazzjoni u laqghat, u s-suggett taghhom taz-zewg gruppi biex wiehed jista' verament jemmen li dawn iz-zewg gruppi telghu Dubai flimkien minghajr ma z-zewg mawriet kienu konnessi ma' xulxin.

20. Ghalkemm hu vera dak iz-zmien il-Partit Laburista ma kienx fil-Gvern, u bhala partit kellu certament id-dritt li jiddeciedi kif u liema nies teknici ghandhom ituh l-ghajnuna, il-konnessjoni ta' negozjant, bhalma hu l-attur, ma' partit politiku, anke jekk fl-

---

[11] Ara fol. 19 tal-process.
[12] Ara l-process "Baldacchino vs Vassallo" fol. 42.
[13] Ara l-process "Baldacchino vs Vassallo" fol. 44.
[14] Ara fol. 55-56 tal-process. Fis-seduta tat-28 t'April 2014, l-avukat difensur tal-attur iddikjara li l-attur mhux qed jikkontesta *inter alia* li dan id-dokument huwa traskrizzjoni fidila tar-recording in kwistjoni (ara fol. 57 tal-process).

oppozizzjoni, u n-natura ta' dik il-konnessjoni, hija certament informazzjoni ta' interess generali, li ghandu jkun hemm diskussjoni fuqha f'socjeta demokratika, u dan ghal ragunijiet ovvji, li l-Qorti ma thossx il-htiega li ghandha ghalfejn toqghod tispjega. Bhala fatt jirrizulta ampjament li l-attur tela' Dubai sabiex igib xoghol ghalih kif ukoll sabiex bhala espert fil-qasam kummercjali jaghti pariri kummercjali lill-Partit Laburista. Jekk il-fatt li negozjant privat jaghti pariri lill-partit politiku f'laqghat internazzjonali li jsiru bl-iskop li jithejjew pjanijiet sabiex jigu implimentati meta dak il-partit ikun fil-Gvern jikkostitwix skandlu jew le hija espressjoni ta' opinjoni ossia *value judgement,* li wiehed jista' jaqbel jew ma' jaqbilx maghha, pero li l-verita ta' dik l-opinjoni ma tistax tigi ippruvata. La darba din l-opinjoni tal-artikolista Jean Pierre Debono hija ibbazata fuq fatti sostanzjalment korretti hija opinoni li ghandha titqies *fair comment* accettabbli f'socjeta demokratika, u dan nonostante l-fatt li din l-opinjoni ddisturbat, ixxokkjat jew offendiet lill-attur.

21. Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-attur issottometta li l-attur mhux persuna pubblika jew politiku, u allura l-livell ta' kritika li ghandu jkun soggett ghaliha ghandu jkun iktar baxx. Huwa vera li s-sentenzi kemm tal-Qorti Ewropea kif ukoll ta' dawn il-Qrati rritenew li l-limiti ta' kritika accettabbli huma aktar wiesgha fil-kaz ta' persuna politika milli fil-kaz ta' persuna privata.

22. Il-Qorti tibda biex tosserva illi fis-sentenza **Thorgeir Thorgeirson v. Iceland** deciza fil-25 ta' Gunju 1992, il-Qorti Ewropea irreteniet hekk:

*"64. On the questions of general principle raised by the Government, the Court observes that there is no warrant in its case-law for distinguishing, in the manner suggested by the Government, between political discussion and discussion of other matters of public concern."*

23. Imbaghad fis-sentenza **Falzon vs Malta** deciza fl-20 ta' Marzu 2018, il-Qorti Ewropea irribatiet il-kazistika konsistenti taghha fis-sens illi biex ikun hemm interferenza legittima mad-dritt tal-espressjoni f'socjeta demokratika sabiex tigi protetta ir-reputazzjoni ta' terzi, irid jintlahaq bilanc gust bejn min-naha wahda id-dritt tal-espressjoni protett fl-Artikolu 10 u d-dritt ghall-hajja privata protett fl-Artikolu 8. Il-Qorti Ewropea kompliet tghid hekk:

*"55. … … The Court emphasises that, in order for Article 8 of the Convention to come into play, an attack on a person's reputation must attain a certain level of seriousness and its manner must cause prejudice to personal enjoyment of the right to respect for private life. The criteria which are relevant when balancing the right to freedom of expression against the right to respect for private life include: the contribution to a debate of general interest; how well known is the person concerned and what is the subject of the report; his or her prior conduct; the method of obtaining the information and its veracity; the content, form and consequences of the publication; and the severity of the sanction imposed."*

24. Issa fil-kaz odjern certament ma jistghax jinghad li l-attur huwa *"an ordinary man in the street"* jew persuna strettament privata. Kif jghid l-attur stess, huwa kuntrattur stabbilit hawn Malta u dan ghal diversi snin. Minhabba n-natura tax-xoghol tieghu, jafuh hafna nies.[15] Din il-Qorti diga qalet li l-artikolu in kwistjoni kien jikkoncerna materja ta' interess generali, u ikkontribwixxiet ghal dibattitu fuq l-istess. Inoltre l-artikolu in kwistjoni ma kienx jikkoncerna l-hajja privata tal-attur, izda l-hajja lavorattiva tieghu, u l-agir tieghu bhala kuntrattur li siefer flimkien ma' delegazzjoni ta' partit politiku, sabiex igib xoghol minn Dubai. Huwa vera li l-artikolu jghid li l-attur hu mizzewweg lill-Membru Parlamentari Helena Dalli, pero dan sar biex jidentifika lill-attur u imkien fl-artikolu ma jinghad li Helena Dalli kellha xi rwol f'din il-mawra lejn Dubai.

25. Fis-sentenza **Verlagsgruppe News Gmbh vs Austria No. 2** deciza fl-14 ta' Dicembru 2006, il-Qorti Ewropea irriteniet hekk:

*"Even if Mr G. has not sought to appear on the public scene, the Court considers that a business magnate, who owns and manages one of the country's most prestigious enterprises, is by his very position in society a public figure."*[16]

26. Fil-ktieb tieghu **Freedom of Expression and Defamation**,[17] **Tarlach McGonagle** jghid hekk:

[15] Ara process "Baldacchino vs Vassallo" a fol. 23.
[16] §37.
[17] Council of Europe, 2016, pagna 37.

*"The underlying logic of the public role of persons in official positions or in politics has also been extended by the Court to apply to persons who are active in public life in different ways. A key consideration for the Court remains whether an individual has sought publicity or engaged in public debate. … … The Court has held that: "[w]hereas the limits of permissible criticism are narrower in relation to a private citizen than in relation to politicians, private individuals lay themselves open to scrutiny when they enter the arena of public debate and then have to show a higher degree of tolerance."*[18]

27. Fil-kaz odjern mhux biss l-attur huwa kummercjant rinomat u dan wahdu jaghmlu persuna pubblika, izda huwa certament kien konxju li meta siefer sabiex jakkompanja u jassisti delegazzjoni politika, huwa kien qed jassoggetta lilu nnifsu ghal skrutinju u kritika pubblika, stante li dak kollu li ghandu x'jaqsam mal-hajja politika, anke jekk ta' partit fl-oppozizzjoni, huwa awtomatikament ta' interess pubbliku. Certament f'dan il-kaz il-kontenut tal-artikolu kien jirrigwarda materja ta' interess pubbliku. Konsegwentement dan l-ilment tal-attur huwa legalment infondat.

28. Fl-ahharnett fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat issottometta wkoll illi l-konvenuti ma ressqu l-ebda prova tal-hekk imsejjah *"l-iskandlu ta' Laylay Company Limited"* u/jew prova li dak l-episodju kien skandaluz. Din il-Qorti hija pjuttost perplessa b'din is-sottomissjoni. Fix-xhieda tieghu l-attur ma qal imkien li hassu b'xi mod offiz ghal fatt li fl-artikolu saret riferenza ghal dak li l-konvenut Debono sejjah *'l-iskandlu tal-Lay Lay'* kemm fit-titolu tal-artikolu kif ukoll fil-kontenut. Huwa vera li fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2015 f'dawn il-proceduri, l-avukat difensur tal-attur ivverbalizza li *"l-attur jikkonsidra li r-referenza fl-artikolu in kwistjoni ghall-'iskandlu tal-LayLay' tifforma parti mill-mertu ta' din il-kawza."*[19] Pero huwa sinifikanti li dan il-verbal sar sentejn wara li l-attur kien ghalaq il-provi.[20] Huwa vera li huma l-konvenuti li qed jeccepixxu li l-artikolu jikkostitwixxi *fair comment* fuq fatti sostanzjalment vera, pero huwa l-attur li hassu offiz b'dan l-artikolu, u ghaldaqstant kien jinkombi fuqu li tal-inqas juri ghalfejn ir-riferenza ghal hekk imsejjah 'l-iskandlu tal-LayLay' offendietu.

---

[18] *Wirtschafts-Trend Zeitschriften-Verlagsgesellschaft m.b.h. v. Austria (No. 3), §39.*
[19] Ara fol. 62 tal-process.
[20] L-attur ghalaq il-provi fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2013 – ara fol. 44 tal-process.

29. Fl-artikolu in kwistjoni jinghad illi *"Charles Mangion, Charles Buhagiar u r-ragel ta' Helena Dalli kienu involuti fl-iskandlu tal-Lay Lay ta' l-1998."* L-artikolu jkomplu jispjega li ftit qabel l-Elezzjoni Generali ta' l-1998 l-Awtorita tad-Djar fi zmien Gvern Laburista, kienet se tixtri numru ta' proprjetajiet minghand il-privat. Skond dan l-artikolu wiehed mill-konvenji kien ma' kumpanija tal-attur u konvenju iehor kien mal-kumpanija Lay Lay. Skond l-istess artikolu, wara li dawn il-konvenji gew zvelati fil-media, dan il-konvenju tal-attur flimkien ma' zewg konvenji ohra ta' terzi sfrattaw, izda l-kuntratt finali tal-bejgh mal-kumpanija Lay Lay kien gie pubblikat, u effettivament il-kumpanija Lay Lay bieghet lill-Awtorita tad-Djar propjeta b'valur ta' LM1.4 miljun fl-14 t'Awwissu 1998, meta kienet ghaddejja il-kampanja elettorali.

30. Kif diga inghad fix-xhieda tieghu, l-attur imkien ma lmenta mill-fatt li l-konvenut Debono irrefera ghal dak huwa sejjah *'l-iskandlu tal-Lay Lay".* Inoltre, l-attur imkien ma qal li l-fatti, jew uhud minnhom, kif esposti fl-artikolu in kwistjoni dwar il-bejgh ta' proprjeta li kien ser isir u effettivament sar minn kumpaniji privati lill-Awtorita tad-Djar, kienu zbaljati. Kien jinkombi lill-attur li jindika liema fatt/i imsemmija fl-artikolu kienu skond hu zbaljati, imbaghad kien ikun jinkombi fuq il-konvenuti sabiex jippruvaw li dawk il-fatti kienu sostanzjalment vera. L-attur ma ghamel xejn minn dan kollu, u konsegwentement l-konvenuti ma ressqux provi fir-rigward. L-attur ma jistghax jippretendi li l-konvenuti jaghmlu *fishing expedition* u f'dawn il-proceduri iressqu provi dwar il-veracita ta' kull fatt imsemmi fl-artikolu, ghalli jista' jkun fi stadju ta' trattazzjoni finali, l-attur jallega li xi fatt minnhom imsemmi kien inveritier. Effettivament, lanqas fit-trattazzjoni orali, ma gie sottomess mill-attur li xi fatt imsemmi fl-artikolu rigward il-fatti tal-bejgh tal-proprjeta mil-kumpanija Lay Lay lill-Awtorita kien wiehed inveritier.

31. Huwa vera li fix-xhieda tieghu l-attur jghid b'mod vag li fis-sena 1998, kienu allegaw skandlu fuqu peress li saret allegazzjoni dwar bejgh ta' proprjeta tieghu lil Gvern. Fix-xhieda tieghu, m'hux car jekk din hix riferenza ghal kaz ta' bejgh ta' proprjeta lill-Awtorita tad-Djar imsemmi fl-artikolu, jew xi riferenza ghal xi kaz iehor. Fi kwalunkwe kaz, fl-artikolu jinghad car li ghalkemm kien hemm konvenju bejn l-attur u l-Awtorita tad-Djar, il-kuntratt finali ta' bejgh ma giex pubblikat, pero gie pubblikat fil-kaz tal-kumpanija tal-Lay Lay. Fix-xhieda tieghu, l-attur imkien ma jghid li dawn il-fatti m'humiex vera.

32. Jekk imbaghad l-attur qed jilmenta mill-fatt li l-konvenut Debono kien tal-opinjoni li dan il-bejgh ta' proprjeta li sar mill-kumpanija Lay Lay lill-Awtorita tad-Djar fl-1998 kien jikkostitwixxi "skandlu" – il-Qorti tirriferi a skans ta' ripetizzjoni ghall-konsiderazzjonijiet taghha iktar il-fuq dwar li din l-opinjoni tikkostitwixxi *"value judgement"*, u la darba hija msejsa fuq fatti sostanzjalment vera, ma hix censurabbli f'socjeta demokratika. Konsegwentement, anke din is-sottomissjoni tal-attur hija legalment u fattwalment infondata.

**Konkluzjoni**

33. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi:

(1) Tilqa' l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti;

(2) Konsegwentement, tichad it-talbiet kollha tal-attur.

(3) L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-attur.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**